**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 25 ta' Mejju, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spt. Josric Mifsud)**

**-vs-**

**Carmelo Borda detentur ta'**
**l-Karta ta' l-Identita' bin-numru 394469M**

Kumpilazzjoni Nru: 535/2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmelo Borda talli:

a. Nhar is-26 ta' Awwissu, 2013, u sena qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex igiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn €1,800.00 għad-dannu ta' Emanuel Navarro (ID no 840051M), u dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 ta' l-Liġijiet ta' Malta;

b. U aktar talli irrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap 9 ta' l-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 30(1)(a), 140 u 141 tal-Kap. 9 ta' l-Liġijiet ta' Malta kif ukoll il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, l-imsemmi Carmelo Borda jħallas lil partijiet offiża dak l-ammont ta' flus li jista' jiġi stabbilit mill-Qorti f'dik id-direttiva bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għad-danni jew ħsara kaġunata permezz tar-reat.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tal-4 ta' Marzu, 2016 permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 18, 308, 309, 310, tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikolu 17, 30, 31, 49, 50, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa ngahta zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Madankollu ma ngabitx il-prova tar-recidiva tal-imputat u ghalhekk din il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li hija wahda voluminuza. Gie kkunsidrat ukoll li l-imputat qed jipprova jbiddel id-direzzjoni ta' hajtu fejn qed jaghmel hiltu biex jiddedika ruhu ghall-familja. Konsiderazzjoni ohra hija li l-parte leza giet rizarcita intjerament mil-imputat. Il-Qorti thoss li f'dawn ic-cirkostanzi piena karcerarja ma tkunx wahda idónea f'dawn ic-cirkostanzi u ghalhekk lesta takkordalu opportunita` ahharija sabiex verament riabilita ruhu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 308, 309 u 310, tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghdin jigu sospizi ghal erba snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**